

31985L0611

L 375/3

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

31.12.1985

## ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

ta' l-20 ta' Diċembru 1985

dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għal impriżi ta' investment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS)

(85/611/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi l-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' impriżi ta' investment ivarjaw b'mod apprezzabbli minn Stat għall-ieħor, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-obbligi u l-kontrolli li huma imposti fuq dawk l-impriżi; billi dawk id-differenzi jwasslu għal distorsjoni tal-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn dawk l-impriżi u ma jassigurawx protezzjoni ekwivalenti għal titolari ta' unitajiet;

Billi l-liġijiet nazzjonali li jirregolaw impriżi ta' investment kollettiv għandhom ikunu kkoordinati bl-iskop ta' l-approssimazzjoni tal-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn dawk l-impriżi fil-livell tal-Komunità, waqt li fl-istess ħin jassiguraw protezzjoni aktar effettiva u aktar uniformi għal titolari ta' unitajiet; billi din il-koordinazzjoni tagħmilha aktar faċli għal impriża ta' investment kollettiv li tinstab fi Stat Membru wieħed li ddaħħal l-unitajiet tagħha fis-suq ta' Stati Membri oħrajn;

Billi jekk jiġu ssodisfati dawn l-oġġettivi tiġi ffaċilitata t-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq iċ-ċirkolazzjoni libera ta' l-unitajiet ta' impriżi ta' investment kollettiv fil-Komunità, u din il-koordinazzjoni tgħin biex ikun realizzati suq kapitali Ewropew;

Billi, waqt li jiġu kkunsidrati dawn l-oġġettivi, huwa mixtieq li jiġu stabbiliti regoli bażiċi komuni għall-awtorizzazzjoni, is-sorveljanza, l-istruttura u l-attivitajiet ta' impriżi ta' investment kollettiv li jinstabu fl-Istati Membri u l-informazzjoni li huma għandhom jippubblikaw;

Billi l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli komuni hija garanzija suffiċjenti biex impriżi ta' investment kollettiv li jinstabu fi Stati Membri, jiġu permessi soġġett għad-dispożizzjonijiet applikabbli li għandhom x'jaqsmu ma' movimenti fil-kapital, li jdaħħlu fis-suq l-unitajiet tagħhom fi Stati Membri oħrajn mingħajr ma dawk l-Istati Membri l-oħrajn ma jkunu jstgħu jissuġġettaw lil dawk l-impriżi jew l-unitajiet tagħhom għal kull dispożizzjoni barra minn dispożizzjonijiet li, f'dawk l-Istati, ma jidħlux fil-qasam kopert minn din id-Direttiva; billi, madanakollu, jekk impriża ta' investment kollettiv li tinstab fi Stat Membru wieħed iddaħħal fis-suq l-unitajiet tagħha fi Stat Membru differenti għandha tieħu l-passi kollha neċessarja biex tassigura li titolari ta' l-unitajiet f'dak l-Istat Membru l-ieħor jstgħu jeżerċitaw id-drittijiet finanzjari tagħhom hemmhekk bil-faċilità u huma pprovduti bl-informazzjoni neċessarja,

Billi l-koordinazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri għandha tkun limitata inizjalment għal impriżi ta' investment kollettiv barra minn dawk tat-tip "magħluqa" li jippromwovu l-bejgħ ta' l-unitajiet tagħhom lill-pubbliku fil-Komunità u li l-uniku l-oġġettiv tagħhom hu l-investment f'titoli trasferibbli (li huma essenzjalment titoli trasferibbli uffiċjalment elenkati fil-boroż jew swieq simili rregolati); billi r-regolament ta' l-impriżi ta' investment kollettiv li mhumiex koperti b'din id-Direttiva joħloq varjetà ta' problemi li għandhom jiġu ttrattati permezz ta' dispożizzjonijiet oħrajn, u dawn l-impriżi ikunu għalhekk is-suġġett ta' koordinazzjoni aktar tard; billi fl-istennija ta' din il-koordinazzjoni kull Stat Membru jista', *inter alia*, jstabbilixxi dawk il-kategoriji ta' impriżi għal investment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) esklużi mill-iskop ta' din id-Direttiva minħabba l-investment u l-poloż ta' self tagħhom u jstabbilixxi dawk ir-regoli speċifiċi li huma soġġetti għalihom dawn l-UCITS fit-twerttiq tan-negożju tagħhom fit-territorju tiegħu;

Billi l-*marketing* liberu ta' l-unitajiet maħruġa minn UCITS awtorizzati li jinvestu sa 100 % ta' l-assi tagħhom f'titoli trasferibbli maħruġa mill-istess korp (Stat, awtorità lokali, eċċ.) ma jstax ikollu l-effett dirett jew indirett li jiddisturba l-funzjoni tas-suq kapitali jew tal-finanzjament ta' l-Istati Membri jew tal-ħolqien ta' sitwazzjonijiet ekonomiċi simili għal dawk li l-Artikolu 68(3) tat-Trattat ifittex li jipprevjeni;

<sup>(1)</sup> ĠU C 171, tas-26.7.1976, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 57, tas-7.3.1977, p. 31.

<sup>(3)</sup> ĠU C 75, tas-26.3.1977, p. 10.

Billi għandu jittieħed kont tas-sitwazzjonijiet speċjali tas-swieq finanzjarji tar-Repubblika Ellenika u tar-Repubblika Portugiża,

billi dawk il-pajjiżi jithallex perijodu addizzjonali biex fih jimplementaw din id-Direttiva,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

IT-TAQSIMA I

**Id-dispożizzjonijiet ġenerali u l-qasam ta' l-applikazzjoni**

*L-Artikolu 1*

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw din id-Direttiva għal impriżi ta' investment kollettiv f'titoli trasferibbli (hawnhekk iżjed 'il quddiem magħrufa bħala UCITS) li jinstabu fit-territorju tagħhom.

2. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, u soġġett għall-Artikolu 2, UCITS għandhom ikunu impriżi:

— li l-iskop uniku tagħhom huwa l-investment kollettiv f'titoli trasferibbli ta' kapital realizat mill-pubbliku u li joperaw fuq il-prinċipju tat-tixrid tar-riskju,

u

— li l-unitajiet tagħhom huma, fuq it-talba tat-titolari, mixtrija mill-ġdid jew mogħtija lura, direttament jew indirettament, mill-assi ta' dawk l-impriżi. Azzjoni meħuda minn UCITS sabiex jiġi assigurat li l-valur tal-borża ta' l-unitajiet tagħha ma jvarjawx b'mod sinifikanti mill-valur nett tagħhom ta' l-assi għandha titqies bħala ekwivalenti għal dan ix-xiri mill-ġdid jew il-fidwa.

3. Dawn l-impriżi jistgħu jiġu kkostitwiti skond il-liġi, jew taħt it-liġi ta' kuntratt (bħala fondi komuni amministrati minn kumpanniji ta' amministrazzjoni) jew il-liġi dwar it-“trusts” (bħala unitajiet ta' trust) jew taħt statut (bħala kumpanniji ta' investment).

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva “fondi komuni” għandhom ukoll jinkludu unitajiet ta' trust.

4. Kumpanniji ta' investment li l-assi tagħhom huma investiti permezz ta' l-intermedjarju ta' kumpanniji sussidjarji prinċipalment ta' xort' oħra milli f'titoli trasferibbli m'għandhomx, mada-nakollu, ikunu suġġetti għal din id-Direttiva.

5. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu UCITS li huma soġġetti għal din id-Direttiva milli jittrasformaw irwieghom f'impriżi ta' investment kollettiv li mhumiex koperti b'din id-Direttiva.

6. Soġġett għad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-movimenti tal-kapital u għall-Artikoli 44, 45 u 52(2), l-ebda Stat Membru ma jista' japplika xi dispożizzjonijiet oħrajn huma x'inhuma, fil-qasam kopert minn din id-Direttiva għal UCITS li jinstabu fi Stat Membru ieħor jew għall-unitajiet maħruġa minn dawn l-UCITS, meta jdaħħlu fis-suq l-unitajiet tagħhom fit-territorju tiegħu.

7. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6, Stat Membru jista' japplika għal UCITS li jinstabu fit-territorju tiegħu, ħtiġiet li huma aktar stretti minn, jew addizzjonali għal dawk stabbiliti fl-Artikolu

4 et seq. ta' din id-Direttiva, sakemm dawn ikunu ta' applikazzjoni ġenerali u ma jkunux f'kunflitt mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

*L-Artikolu 2*

1. Dawn li li ġejjin m'għandhomx ikunu UCITS soġġetti għal din id-Direttiva:

— UCITS tat-tip “magħluqa”;

— UCITS li jirrealizzaw il-kapital mingħajr ma jipromwovu l-bejgħ ta' l-unitajiet tagħhom lill-pubbliku fil-Komunità jew f'xi parti minnha;

— UCITS li l-unitajiet tagħhom, skond ir-regoli tal-fondi jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-kumpannija ta' investment, jistgħu jinbiegħu biss lill-pubbliku f'pajjiżi mhux membri;

— kategoriji ta' UCITS preskritti mir-regolamenti ta' l-Istati Membri li fihom dawn l-UCITS ikunu jinstabu, li għalihom ir-regoli stabbiliti fit-Taqsimha V u l-Artikolu 36 huma inapproprijati invista ta' l-investment u l-poloż ta' self tagħhom.

2. Ħames snin wara l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill, rapport dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 u, b'mod partikolari, tar-raba' inċiż tiegħu. Jekk neċessarju, għandha tipproponi miżuri xierqa biex jiġi estż l-iskop.

*L-Artikolu 3*

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, UCITS għandha titqies li tinstab fl-Istat Membru li fih il-kumpannija ta' investment jew il-kumpannija ta' amministrazzjoni ta' l-unità ta' trust ikollha l-uffiċju rreġistrat tagħha; l-Istat Membru għandu jeħtieġ li l-uffiċju ewlieni jkun jinstab fl-istess Stat Membru bħall-uffiċju rreġistrat.

IT-TAQSIMA II

**L-Awtorizzazzjoni ta' UCITS**

*L-Artikolu 4*

1. L-ebda UCITS m'għandha twesttaq attivitajiet sakemm ma tkunx ġiet awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li tkun tinstab fih, hawnhekk iżjed 'il quddiem magħrufa bħala l-“awtoritajiet kompetenti”.

Din l-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għall-Istati Membri kollha.

2. Unità ta' trust għandha tkun awtorizzata biss jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu approvaw il-kumpannija ta' amministrazzjoni, ir-regoli dwar il-fondi u l-għażla ta' depositarju. Kumpannija ta' investment għandha tkun awtorizzata biss jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu approvaw kemm l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tagħha u kemm l-għażla ta' depositarju.

3. L-awtoritajiet kompetenti ma jistgħux jawtorizzaw UCITS jekk id-diretturi tal-kumpannija ta' amministrazzjoni, tal-kumpannija

ta' investiment jew tad-depositarju ma jkunux ta' reputazzjonitajba biżżejjed jew ma jkollhomx l-esperjenza meħtieġa għat-twettiq tad-doveri tagħhom. Għal dak l-iskop, l-ismijiet tad-diretturi tal-kumpannija ta' amministrazzjoni, tal-kumpannija ta' l-investiment u tad-depositarji u ta' kull persuna li tilħaq minflok-hom fil-kariga għandhom ikunu ikkomunikati minnufih lill-awtoritajiet kompetenti.

“Diretturi” għandha tfisser dawk il-persuni li, skond il-liġi jew l-istrumenti ta' l-inkorporazzjoni, jirrappreżentaw lill-kumpannija ta' l-amministrazzjoni, lill-kumpannija ta' investiment jew lid-depositarju, jew li effettivament jiddeterminaw il-politika tal-kumpannija ta' amministrazzjoni, il-kumpannija ta' investiment jew id-depositarju.

4. La l-kumpannija ta' amministrazzjoni u lanqas id-depositarju ma jistgħu jiġu ssostitwiti, u lanqas ma jistgħu r-regoli tal-fond jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-kumpannija ta' investiment jiġu emendati, mingħajr l-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti.

#### IT-TAQSIMA III

##### Obbligi li jirrigwardaw l-istruttura ta' unitajiet ta' trust

###### L-Artikolu 5

Kumpannija ta' amministrazzjoni għandu jkollha riżorsi finanzjarji suffiċjenti għad-dispożizzjoni tagħha biex jgħinuha tikkonduċi n-negozju tagħha effettivament u tissodisfa l-impennji tagħha.

###### L-Artikolu 6

L-ebda kumpanija ta' amministrazzjoni ma tista' tingaġġa f'attivitajiet oħrajn barra mill-amministrazzjoni ta' unitajiet ta' trust u ta' kumpanniji ta' investiment.

###### L-Artikolu 7

1. L-assi ta' unità ta' trust għandhom ikunu fdati lil depositarju biex jinżammu fis-sigurtà.

2. Ir-responsabbiltà ta' depositarju kif imsemmija fl-Artikolu 9 m'għandhiex tiġi effettwata bil-fatt li tkun fdati lil parti terza l-assi kollha jew parti minnhom biex jinżammu fis-sigurtà.

3. Depositarju għandu, barraminnekk:

(a) jassigura li l-bejgħ, il-ħruġ, ix-xiri mill-ġdid, l-ġhoti lura u l-kanċellazzjoni ta' unitajiet effettwati f'isem unità ta' trust jew minn kumpannija ta' amministrazzjoni jitwettqu skond il-liġi u r-regoli tal-fond;

(b) jassigura li l-valur ta' l-unitajiet ikun ikkalkolat skond il-liġi u r-regoli tal-fond;

(c) iwettaq l-istruzzjonijiet tal-kumpanija ta' amministrazzjoni, sakemm dawn ma jkunux f'kunflitt mal-liġi jew mar-regoli tal-fond;

(d) jassigura li l-operazzjonijiet li jinvolvu l-assi ta' unità ta' trust kull konsiderazzjoni tkun mibgħuta lilu fil-limiti taż-żmien tas-soltu;

(e) jassigura li l-introjtu ta' unità ta' trust jiġi applikat skond il-liġi u r-regoli tal-fond;

###### L-Artikolu 8

1. Depositarju għandu jew ikollu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu fl-istess Stat Membru bħal dak tal-kumpannija ta' amministrazzjoni jew ikun stabbilit f'dak l-Istat Membru jekk l-uffiċċju rreġistrat tiegħu ikun fi Stat Membru ieħor.

2. Depositarju għandu jkun istituzzjoni li tkun suġġetta għall-kontroll pubbliku. Għandu wkoll iforni garanziji finanzjarji u professjonali biżżejjed biex ikun jista' effettivament isegwi n-negozju tiegħu bħala depositarju u jissodisfa l-impenni inerenti f'dik il-funzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw liema mill-kategoriji ta' istituzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom ikunu eliġibbli li jkunu depositarji.

###### L-Artikolu 9

Depositarju għandu, skond il-liġi nazzjonali ta' l-Istat li fih ikun jinstab l-uffiċċju rreġistrat ta' kumpannija ta' amministrazzjoni, jkun responsabbli lill-kumpannija ta' amministrazzjoni u lit-titolari ta' l-unitajiet għal xi telf soffert minnhom bħala riżultat tan-nuqqas mingħajr ġustifikazzjoni tiegħu li jwettaq l-obbligi tiegħu jew it-twettiq mhux xieraq tagħhom. Responsabbiltà lil titolari ta' unitajiet tista' tkun invokata jew direttament jew indirettament permezz ta' kumpannija ta' amministrazzjoni, jiddependi min-natura ġuridika tar-relazzjoni bejn id-depositarju, il-kumpannija ta' amministrazzjoni u t-titolari ta' l-unitajiet.

###### L-Artikolu 10

1. L-ebda kumpannija singola ma għandha taġixxi kemm bħala kumpannija ta' amministrazzjoni u kemm bħala depositarju.

2. Fil-kuntest tal-rwoli rispettivi tagħhom, il-kumpannija ta' amministrazzjoni u d-depositarju għandhom jaġixxu indipendentament u biss fl-interess tat-titolari ta' l-unitajiet.

###### L-Artikolu 11

Il-liġi jew ir-regoli tal-fond għandhom jistabilixxu l-kondizzjonijiet għas-sostituzzjoni tal-kumpannija amministrattiva u d-depositarju u r-regoli biex jassiguraw il-protezzjoni ta' titolari ta' unitajiet fil-każ ta' din is-sostituzzjoni.

## IT-TAQSIMA IV

**Obbligi li jirrigwardaw l-istruttura ta' kumpanniji ta' investment u d-depositarji tagħhom***L-Artikolu 12*

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-forma legali li kumpannija ta' investment għandha tiegħu. Għandu jkollha kapital imħallas suffiċjenti biex tkun tista' twettaq in-negozju tagħha effettivament u tissodisfa r-responsabbiltajiet tagħha.

*L-Artikolu 13*

L-ebda kumpannija ta' investment ma tista' tingaġġa f'attivitajiet ta' xort' oħra minn dawk imsemmija fl-Artikolu 1(2).

*L-Artikolu 14*

1. L-assi ta' kumpannija ta' investment għandhom ikunu fdati lil depositarju biex jinżammu fis-sigurtà.

2. Ir-responsabbiltà ta' depositarju kif imsemmija fl-Artikolu 16 m'għandhiex tkun effettwata bil-fatt li tkun fdat lil parti terza l-assi kollha jew parti minnhom biex jinżammu fis-sigurtà tagħha.

3. Depositarju għandu, madanakollu:

- (a) jassigura li l-bejgħ, il-ħruġ, ix-xiri mill-ġdid, il-fidwa u l-kanċellazzjoni ta' unitajiet effetwati minn jew fisem kumpannija jkun mwettqa skond il-liġi u skond l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-kumpannija;
- (b) jassigura li fl-operazzjonijiet li jinvolvu l-assi ta' kumpannija kull konsiderazzjoni tkun mibgħuta lill-limiti taż-żmien tas-soltu;
- (c) jassigura li l-introjtu ta' kumpannija jiġi applikat skond il-liġi u l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tagħha.

4. Stat Membru jista' jiddeċiedi li kumpanniji ta' investment li jinstabu fit-territorju tiegħu li jqiegħdu fis-suq l-unitajiet tagħhom esklussivament permezz ta' borża waħda jew aktar li fihom l-unitajiet tagħhom jiġu ammessi għal elenkar uffiċjali ma jkunux meħtieġa jkollhom depositarji fis-sens ta' din id-Direttiva.

L-Artikoli 34, 37 u 38 m'għandhomx japplikaw għal dawn il-kumpanniji. Madanakollu, ir-regoli għall-valutazzjoni ta' l-assi ta' dawn il-kumpanniji għandhom jiġu ddikjarati fil-liġi jew fl-istrumenti ta' l-inkorporazzjoni tagħhom.

5. Stat Membru jista' jiddeċiedi li kumpanniji ta' investment li jinstabu fit-territorju tiegħu li jqiegħdu fis-suq mill-anqas 80 % ta' l-unitajiet tagħhom permezz ta' borża waħda jew aktar innominati fl-istrumenti ta' l-inkorporazzjoni tagħhom m'għandhomx

ikunu meħtieġa jkollhom depositarji fis-sens ta' din id-Direttiva sakemm l-unitajiet tagħhom ikunu ammessi fl-elenkar uffiċjali fil-boroż ta' dawk l-Istati Membri li fit-territorji tagħhom l-unitajiet ikunu mdaħħla fis-suq, u li kull operazzjoni li din il-kumpannija tista' teffetwa barra l-boroż tiġi effettwata biss bil-prezzijiet tal-boroż.

Strumenti ta' l-inkorporazzjoni ta' kumpannija għandhom jispesifikaw il-borża fil-pajjiż tal-*marketing* li l-prezzijiet tagħha jideterminaw il-prezzijiet li bihom dik il-kumpannija teffetwa kull operazzjoni barra l-boroż f'dak il-pajjiż.

Stat Membru għandu jagħmel użu mill-għażla prevista fis-subparagrafu preċedenti biss jekk jikkunsidra li titolari ta' l-unitajiet ikollhom protezzjoni ekwivalenti għal dik ta' titolari ta' unitajiet f'UCITS li jkollhom depositarji fis-sens ta' din id-Direttiva.

B'mod partikolari, dawn il-kumpanniji u l-kumpanniji msemmeja fil-paragrafu 4, għandhom:

- (a) fl-assenza ta' dispożizzjoni fil-liġi, jiddikjaraw fl-istrumenti ta' inkorporazzjoni tagħhom, il-metodu tal-kalkolu tal-valuri netti ta' l-assi ta' l-unitajiet tagħhom;
- (b) jintervjenu fis-suq biex jipprevjenu l-valuri fil-borża ta' l-unitajiet tagħhom milli jvarjaw aktar minn 5 % mill-valuri netti ta' l-assi tagħhom;
- (c) jistabilixxu il-valuri netti ta' l-assi ta' l-unitajiet tagħhom, jikkomunikawhom lill-awtoritajiet kompetenti mill-anqas darbtejn fil-ġimgħa u jippublikawhom darbtejn fix-xahar.

Mill-anqas darbtejn fix-xahar, awditur indipendenti għandu jassigura li l-kalkolu tal-valur ta' l-unitajiet jiġi effettwat skond il-liġi u l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-kumpannija. F'dawn l-okkażjonijiet, l-awditur għandu jassigura li l-assi tal-kumpannija jiġu investiti skond ir-regoli stabbiliti bil-liġi u l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-kumpannija.

6. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-identitajiet tal-kumpanniji li jibbenefikaw mid-derogi previsti fil-paragrafi 4 u 5.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kumitat ta' Kuntatt dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 4 u 5 fi żmien ħames snin mill-implementazzjoni ta' din id-Direttiva. Wara li takkwista l-opinjoni tal-Kumitat ta' Kuntatt, il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, tipproponi miżuri approprijati.

*L-Artikolu 15*

1. Depositarju għandu jew ikollu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu fl-istess Stat Membru bħal dak tal-kumpannija ta' investment jew ikun stabbilit f'dak l-Istat Membru jekk l-uffiċċju rreġistrat tiegħu ikun fi Stat Membru ieħor.

2. Depositarju għandu jkun istituzzjoni li tkun suġġetta għal kontroll pubbliku. Għandu wkoll iforni garanziji finanzjarji u

professionali suffiċjenti biex ikun jista' jwettaq effettivament in-negozju tiegħu bħala depositarju u jissodisfa l-impennji inerenti f'dik il-funzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw liema mill-kategoriji ta' istituzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom ikunu eliġibbli li jkunu depositarji.

#### L-Artikolu 16

Depositariju għandu, skond il-liġi nazzjonali ta' l-Istat li fih il-kumpannija ta' investiment ikollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha, jkun responsabbli lill-kumpannija ta' investiment u lit-titolari ta' l-unitajiet għal kul telf soffert minnhom bħala riżultat tan-nuqqas tiegħu mingħajr ġustifikazzjoni li jwettaq l-obbligi tiegħu jew it-twettiq mhux xieraq tagħhom.

#### L-Artikolu 17

1. L-ebda kumpannija singola m'għandha taġixxi kemm bħala kumpannija ta' investiment u kemm bħala depositarju.

2. Fit-twettiq tad-doveri tiegħu bħala depositarju, id-depositarju għandu jaġixxi biss fl-interessi tat-titolari ta' l-unitajiet.

#### L-Artikolu 18

Il-liġi jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-kumpannija ta' investiment għandhom jistabilixxu l-kondizzjonijiet għas-sostituzzjoni tad-depositarju u r-regoli biex jassiguraw il-protezzjoni tat-titolari ta' l-unitajiet fil-każ ta' din is-sostituzzjoni.

#### IT-TAQSIMA V

### Obbligi li jikkonċernaw il-poloż ta' investiment ta' UCITS

#### L-Artikolu 19

1. L-investimenti ta' unità ta' *trust* jew ta' kumpannija ta' investiment għandhom jikkonsistu biss fi:

- titoli trasferibbli ammessi għall-elenkar uffiċjali f'borża fi Stat Membru u/jew;
- titoli trasferibbli ttrattati f' suq irregolat ieħor fi Stat Membru li jopera regolarment u li hu rikonoxxut u miftuħ għall-pubbliku u/jew;
- titoli trasferibbli ammessi għall-elenkar uffiċjali f'borża fi Stat mhux membru jew ittrattati f'suq irregolat ieħor fi Stat mhux membru li jopera regolarment u li hu rikonoxxut u miftuħ għall-pubbliku sakemm l-għażla tal-borża jew tas-suq tkun ġiet approvata mill-awtoritajiet kompetenti jew tkun prevista fil-liġi jew fir-regoli tal-fond jew l-istrumenti ta' l-inkorporazzjoni tal-kumpannija ta' l-investiment u/jew;

(d) titoli trasferibbli maħruġa riċentement, sakemm:

- it-termini tal-ħruġ inkluż l-impenn li ssir applikazzjoni għal ammissjoni fl-elenkar uffiċjali f'borża jew għal xi suq regolat ieħor li jopera regolarment u li huwa rikonoxxut u miftuħ għall-pubbliku, basta li l-għażla tal-borża jew tas-suq tkun ġiet approvata mill-awtoritajiet kompetenti jew tkun prevista fil-liġi jew fir-regoli tal-fond jew fl-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-kumpannija ta' investiment;
- din l-ammissjoni tkun assigurata fi żmien sena mill-ħruġ.

2. Madanakollu:

- UCITS tista' tinvesti mhux aktar minn 10 % ta' l-assi tagħha f'titoli trasferibbli barra minn dawk imsemmija fil-paragrafu 1;
- Stat Membru jista' jipprovi li UCITS ma tistax tinvesti aktar minn 10 % ta' l-assi tagħha fi strumenti ta' dejn li, għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, għandhom jġu ttrattati, minħabba l-karatteristiċi tagħhom, bħala ekwivalenti għal titoli trasferibbli u li huma, *inter alia*, trasferibbli, likwidi u li jkollhom valur li jista' jkun determinat b'eżattezza fi kwalunkwe żmien jew mill-anqas bil-frekwenza stipulata fl-Artikolu 34;
- kumpannija ta' investiment tista' takkwista proprjetà mobbli u immobbli li tkun essenzjali għat-twettiq dirett tan-negozju tagħha;
- UCITS ma tistax takkwista metalli prezzjużi jew ċertifikati li jirrappreżentawhom.

3. It-total ta' l-investimenti msemmeja fil-paragrafu 2(a) u (b) ma jista', taħt l-ebda ċirkostanzi, jammonta għal aktar minn 10 % ta' l-assi ta' UCITS.

4. Unitajiet ta' *trust* u kumpanniji ta' investiment jistgħu jippossjedu assi likwidi anċillari.

#### L-Artikolu 20

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni:

- sa mhux aktar tard mid-data ta' l-implementazzjoni ta' din id-Direttiva, lista ta' l-istrumenti ta' dejn li, skond l-Artikolu 19(2)(b), jippanaw li jittrattaw bħala ekwivalenti għal titoli trasferibbli, waqt li jiddikkjaraw il-karatteristiċi ta' dawk l-istrumenti u r-raġunijiet għalfejn jagħmlu dan;
- dettalji ta' kull emenda li huma jikkontemplaw li jagħmlu lil-listi ta' strumenti msemmeja f'(a) jew lil xi strumenti oħrajn li huma jikkontemplaw li jittrattaw bħala ekwivalenti għal titoli trasferibbli, flimkien mar-raġunijiet biex jagħmlu dan.

2. Il-Kummissjoni għandha immedjatament tgħaddi dik l-informazzjoni lil Stati Membri oħrajn flimkien ma' xi kummenti li hi tikkonsidra approprijati. Dawn il-komunikazzjonijiet jistgħu jkunu s-suġġett ta' l-iskambji ta' l-opinjoni fil-Kumitat ta' Kuntatt skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 53(4).

## L-Artikolu 21

1. L-Istat Membru jista' jawtorizza lill-UCITS biex jimpjegaw tekniċi u strumenti li jirrelataw għal titoli trasferibbli skond il-kundizzjonijiet u fil-limiti li huma jstabilixxu basta li dawn it-tekniċi u l-istrumenti jintużaw għall-iskop ta' l-amministrazzjoni effiċjenti ta' portfolio.

2. L-Istati Membri jistgħu wkoll jawtorizzaw UCITS biex jimpjegaw tekniċi u strumenti intiżi biex jipprovdu protezzjoni kontra r-riskji tal-kambju fil-kuntest ta' amministrazzjoni ta' l-assi u r-responsabbiltajiet tagħhom.

## L-Artikolu 22

1. L-UCITS jistgħu jinvestu mhux aktar minn 5 % ta' l-assi tagħhom f'titoli trasferibbli maħruġa mill-istess korp.

2. L-Istati Membri jistgħu jgħollu l-limitu stabbilit fil-paragrafu 1 għal massimu ta' 10 %. Madanakollu, l-valur totali ta' titoli trasferibbli miżmuma mill-UCITS fil-korpi tal-ħruġ li f'kull wieħed minnhom jinvestu aktar minn 5 % ta' l-assi tagħhom m'għandhomx imbagħad jeċċedu 40 % tal-valur ta' l-assi tagħhom.

3. L-Istati Membri jistgħu jgħollu l-limitu stabbilit fil-paragrafu 1 għal massimu ta' 35 % jekk is-titoli trasferibbli jkunu maħruġa jew garantiti minn Stat Membru, mill-awtoritajiet lokali tiegħu, minn Stat li mhux membru jew minn korpi pubbliċi internazzjonali li minnhom Stat Membru wieħed jew iktar huma membri.

## L-Artikolu 23

1. B'deroga mill-Artikolu 22 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 68(3) tat-Trattat, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-UCITS biex jinvestu skond il-prinċipju tat-tixrid tar-riskju sa 100 % ta' l-assi tagħhom f'titoli trasferibbli differenti maħruġa jew iggarantiti minn kull Stat Membru, l-awtoritajiet lokali tiegħu, Stat mhux membru jew korpi pubbliċi internazzjonali li tagħhom Stat Membru wieħed jew iktar huma membri.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu din id-deroga biss jekk huma jikkunsidraw li titolari ta' unitajiet fl-UCITS ikollhom protezzjoni ugwali għal dik ta' titolari ta' unitajiet fl-UCITS li jikkonformaw mal-limiti stabbiliti fl-Artikolu 22.

Dawn l-UCITS għandhom iżommu titoli minn almenu sitt ħarġiet differenti, imma titoli minn kull ħruġ wieħed ma jistgħux jagħtu kont ta' aktar minn 30 % ta' l-assi totali tagħhom.

2. L-UCITS imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom isemmu espressament fir-regoli tal-fond jew fl-istrumenti ta' inkorporazzjoni ta'

kumpannija ta' investment ta' l-Istati, ta' l-awtoritajiet lokali jew ta' korpi pubbliċi internazzjonali li joħorġu jew jiggarantixxu titoli li fihom huma jkollhom l-intenzjoni li jinvestu aktar minn 35 % ta' l-assi tagħhom; dawn ir-regoli tal-fondi jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni għandhom jiġu approvati mill-awtoritajiet kompetenti.

3. F'addizzjoni kull UCITS imsemmija fil-paragrafu 1, għandha tinkludi dikjarazzjoni prominenti fil-prospektus tagħha u kull letteratura promozzjonali li tiġbed attenzjoni għal din l-awtorizzazzjoni u tindika lill-Istati, lill-awtoritajiet lokali u/jew il-korpi pubbliċi internazzjonali li fis-titoli tagħhom hi jkollha l-intenzjoni li tinvesti jew tkun investiet aktar minn 35 % ta' l-assi tagħha.

## L-Artikolu 24

1. UCITS ma tistax takkwista l-unitajiet ta' impriżi oħra ta' investment kollettiv tat-tip "miftuħa" sakemm dawn ma jkunux impriżi kollettivi ta' investment fis-sens ta' l-ewwel u t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 1(2).

2. UCITS ma jistgħux jinvestu aktar minn 5 % ta' l-assi tagħhom fl-unitajiet ta' dawn l-impriżi kollettivi ta' investment.

3. Investment f'unitajiet ta' unità ta' *trust* amministrata mill-istess kumpannija ta' amministrazzjoni jew minn xi kumpannija oħra li magħha l-kumpannija ta' amministrazzjoni tkun marbuta b'amministrazzjoni jew kontrol komuni, jew bi proprjetà sostanzjali diretta jew indiretta, għandu jkun permissibbli biss fil-każi ta' "*trust*" li, skond ir-regoli tagħha, tkun speċjalizzata f'investment f'żona ġeografika speċifika jew fis-settur ekonomiku, u sakemm dan l-investment ikunu awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti. Awtorizzazzjoni għandha tingħata biss jekk it-"*trust*" tkun ħabbret l-intenzjoni tagħha li tagħmel użu minn dik l-għażla u li l-għażla tkun ġiet iddikjarata espressament fir-regoli tagħha.

Kumpannija ta' amministrazzjoni ma tistax timponi ħlasijiet jew spejjeż minħabba operazzjonijiet li jirrelataw għal unitajiet ta' "unità ta' *trust*" meta uħud mill-assi ta' unità ta' "*trust*" ikunu investiti fl-unitajiet ta' "unità ta' *trust*" oħra amministrata mill-istess kumpannija ta' amministrazzjoni jew minn xi kumpannija oħra li magħha l-kumpannija ta' amministrazzjoni tkun marbuta b'amministrazzjoni jew b'kontroll komuni, jew bi proprjetà sostanzjali diretta jew indiretta.

4. Il-Paragrafu 3 għandu wkoll japplika meta kumpannija ta' investment takkwista unitajiet f'kumpannija oħra ta' investment li magħha tkun marbuta fis-sens tal-paragrafu 3.

Il-Paragrafu 3 għandu japplika wkoll meta kumpannija ta' investment takwista unitajiet ta' "unità ta' *trust*" li tkun marbuta magħha, jew meta "unità ta' *trust*" takkwista unitajiet ta' kumpannija ta' investment li tkun marbuta magħha.

## L-Artikolu 25

1. Kumpanija ta' investment jew kumpanija ta' amministrazzjoni li taġixxi inkonnessjoni ma' l-unitajiet ta' *trust* kollha li hi tamministra u li jidħlu fl-iskop ta' din id-Direttiva ma tistax takkwista xi ishma li jkollhom drittijiet tal-vot li kienu jawtorizzawha biex teżerċita influwenza sinifikanti fuq l-amministrazzjoni ta' korp tal-ħruġ.

Fl-istennija ta' iktar koordinazzjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont ta' regoli eżistenti li jiddifferenxxu l-prinċipju ddikjarat fl-ewwel subparagrafu skond il-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri l-oħrajn.

2. Madanakollu, kumpanija ta' investment jew "unità ta' *trust*" ma tixtax takkwista aktar minn:

— 10 % ta' ishma "mingħajr vot" ta' xi korp tal-ħruġ;

— 10 % ta' titoli ta' dejn ta' xi korp tal-ħruġ;

— 10 % ta' unitajiet ta' xi impriża singola ta' investment kollettiv fis-sens ta' l-ewwel u t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 1 (2).

Il-limiti stabbiliti fit-tieni u t-tielet inċiżi jistgħu jiġu injorati fil-waqt ta' l-akkwist jekk f'dak il-waqt, l-ammont gross tas-titoli ta' dejn jew l-ammont nett tas-titoli fil-ħruġ ma jkunx jista' jiġi kkal-kolat.

3. Stat Membru jista' jwarrab l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 fir-rigward ta':

(a) titoli trasferibbli maħruġa jew garantiti minn Stat Membru jew l-awtoritajiet lokali tiegħu;

(b) titoli trasferibbli maħruġa jew garantiti minn Stat li mhux membru;

(ċ) titoli trasferibbli maħruġa minn korpi pubbliċi internazzjonali li tagħhom Stat Membru wieħed jew iktar ikunu membri;

(d) ishma miżmuma minn IIKST fil-kapital ta' kumpanija inkorporata fi Stat li mhux membru li tinvesti l-assi tagħha prinċipalment f'titoli ta' korpi ta' ħruġ li jkollom l-uffiċċji rreġistrati tagħhom f'dak l-Istat, meta skond il-leġislazzjoni ta' dak l-Istat din il-proprjetà tirrappreżenta l-uniku mezz li bih l-UCITS tkun tista' tinvesti fit-titoli ta' korpi tal-ħruġ ta' dak l-Istat. Din id-deroga, madanakollu, għandha tapplika biss jekk fil-politika tagħha ta' investment il-kumpanija mill-Istat mhux-membru tikkonforma mal-limiti stabbiliti fl-Artikoli 22, 24 u 25(1) u (2). Meta l-limiti stabbiliti fl-Artikoli 22 u 24 ikunu maqbuża. L-Artikoli 26 għandhu japplika *mutatis mutandis*;

(e) ishma miżmuma minn kumpanija ta' investment fil-kapital ta' kumpaniji sussidjarji li jwettqu n-negozju ta' amministrazzjoni, konsultazzjoni jew *marketing* fisimha.

## L-Artikolu 26

1. UCITS m'hemmx għalfejn jikkonformaw mal-limiti stabbiliti f'din it-Taqsima meta jeżerċitaw id-drittijiet ta' sottoskrizzjoni li huma marbuta ma' titoli trasferibbli li jiffurmaw parti mill-assi tagħhom.

Waqt li jassiguraw osservanza tal-prinċipju ta' tixrid ta' riskju, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-UCITS awtorizzati riċentement li jidderogaw mill-Artikoli 22 u 23 għal sitt xhur wara d-data ta' l-awtorizzazzjoni tagħhom.

2. Jekk il-limiti msemmija fil-paragrafu 1 ikunu maqbuża għal raġunijiet lil hinn mill-kontrolli ta' UCITS jew bħala riżultat ta' eżerċizzju tad-drittijiet ta' sottoskrizzjoni, dik l-UCITS għandha tadotta bħala objettiv ta' prijorità għall-operazzjonijiet ta' bejgħ tagħha r-rimedju ta' dik is-sitwazzjoni, b'kont meħud ta' l-interessi tat-titolari ta' l-unitajiet tagħha.

## IT-TAQSIMA VI

**Obbligi li jikkonċernaw l-informazzjoni għandhom jiġu forniti lil titolari ta' unitajiet****A. Pubblikazzjoni ta' prospettus u rapporti perijodiċi**

## L-Artikolu 27

1. Kumpanija ta' investment u, għal kull waħda mit-*trusts* li tamministra, kumpanija ta' amministrazzjoni għandha tippubblika:

— prospettus,

— rapport annwali għal kull sena finanzjarja, u

— rapport ta' nofs is-sena li jkopri l-ewwel sitt xhur tas-sena finanzjarja.

2. Ir-rapporti annwali u ta' nofs is-sena għandhom ikunu ippubblikati f'dawn il-limiti ta' żmien, b'effett mit-tmiem tal-perijodi li jirrelataw għalihom:

— erba' xhur fil-każ tar-rapport annwali,

— xahrejn fil-każ tar-rapport ta' nofs is-sena.

## L-Artikolu 28

1. Prospettus għandu jinkludi l-informazzjoni neċessarja biex investuri jkun jistgħu jagħmlu ġudiżżju infurmat ta' l-investment propost lilhom. Għandu jinkludi almenu l-informazzjoni prevista fl-Iskeda A annessa ma' din id-Direttiva, sal-limiti li dik l-informazzjoni ma tidhirx diġà fid-dokumenti annessi mal-prospettus skond l-Artikolu 29(1).

2. Ir-rapport annwali għandu jinkludi *balance-sheet* jew dikjarazzjoni ta' l-assi u r-responsabbiltajiet, kont dettaljat ta'

introjtu u nfiq għas-sena finanzjarja, rapport ta' l-attivitajietas-sena finanzjarja u l-informazzjoni l-oħra prevista fl-Iskeda B annessa ma' din id-Direttiva, kif ukoll kull informazzjoni sinifikanti li tkun tista' tgħin lil investituri biex jagħmlu għidizzju infurmat dwar l-iżvilupp ta' l-attivitajiet ta' l-UCITS u r-riżultati tagħhom.

3. Ir-rapport ta' nofs is-sena għandu jinkludi mill-anqas l-informazzjoni prevista fil-Kapitoli I sa IV ta' l-Iskeda B annessa ma' din id-Direttiva; meta l-UCITS tkun ħallset jew tipproponi li tħallas dividend *interim*, il-figuri għandhom jindikaw ir-riżultati wara t-taxxa għal nofs is-sena kkonċernata u d-dividend *interim* imħallas jew propost.

#### L-Artikolu 29

1. Ir-regoli tal-fond jew ta' l-istrumenti ta' inkorporazzjoni ta' kumpannija ta' investment għandhom jiffurmaw parti integrali mill-prospektus u għandhom ikunu annessi miegħu.

2. Id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhomx, mada-nakollu, ikunu annessi mal-prospektus sakemm it-titolari ta' unità jkun infurmat li fuq talba hu jew hi jintbagħtu dawk id-dokumenti jew isiru jafu bil-post fejn, f'kull Stat Membru li fih jitqiegħdu l-unitajiet fis-suq, hu jew hi jistgħu jikkonsultawhom.

#### L-Artikolu 30

L-elementi essenzjali tal-prospektus għandhom jinżammu aġġornati.

#### L-Artikolu 31

L-informazzjoni dwar il-kontijiet mogħtija fir-rapport annwali għandha tiġi vverifikata minn persuna waħda jew aktar mogħtija s-setgħa bil-liġi biex jivverifikaw il-kontijiet skond id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE ta' l-10 ta' April 1984 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat KEE dwar l-approvazzjoni ta' persuni responsabbli għat-twettiq tal-verifiki statutorji ta' dokumenti tal-kontijiet<sup>(1)</sup>. Ir-rapport ta' l-awditur, inklużi kwalifiki, għandhom jiġu prodotti kompletament fir-rapport annwali.

#### L-Artikolu 32

L-UCITS għandha tibgħat il-prospektus tagħha u kull emenda lilha, kif ukoll ir-rapporti annwali u ta' nofs is-sena tagħha, lill-awtoritajiet kompetenti.

#### L-Artikolu 33

1. Il-prospektus, ir-rapport annwali l-aktar reċenti u kull rapport sussegwenti ta' nofs is-sena ppubblikat, għandu jiġi offert lill-kontributori mingħajr ħlas, qabel il-konklużjoni ta' kuntratt.

2. Minbarra dan, ir-rapporti annwali u ta' nofs is-sena, għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fil-postijiet speċifikati fil-prospektus.

3. Ir-rapporti annwali u ta' nofs is-sena għandhom ikunu fornuti lil titolari ta' l-unitajiet mingħajr ħlas fuq talba.

### B. Il-Pubblikazzjoni ta' informazzjoni oħra

#### L-Artikolu 34

L-UCITS għandha tagħmel pubbliċi fmanjiera approprijata il-prezz tal-ħruġ, tal-bejgħ, tax-xiri mill-ġdid jew tal-ħlas lura ta' l-unitajiet tagħha kull darba li toħroġhom, tbigħhom, tixtrihom mill-ġdid jew tagħtihom lura, mill-anqas darbtejn fix-xahar. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, mada-nakollu, jippermettu li l-UCITS tnaqqas il-frekwenza għal darba f' xahar bil-kundizzjoni li din id-deroga ma tippreġudikax l-interessi tat-titolari ta' l-unitajiet.

#### L-Artikolu 35

Il-pubbliċità kollha li tinkludi stedina għal xiri ta' l-unitajiet ta' l-UCITS għandha tindika li jeżisti prospettus u l-postijiet minn fejn dan ikun jista' jiġi akkwistat mill-pubbliku.

### IT-TAQSIMA VII

#### L-obbligi ġenerali ta' UCITS

#### L-Artikolu 36

1. La:

— kumpannija ta' investment, lanqas

— kumpannija amministrattiva jew depositarju li jaġixxu fisem unità ta' *trust*,

ma jistgħu jissellfu.

Madanakollu UCITS tista' takkwista munita barranija permezz ta' self "*back-to-back*".

2. B' deroga mill-paragrafu 1, Stat Membru jista' jawtorizza UCITS tissellef:

(a) sa 10 %

— ta' l-assi tagħha, fil-każ ta' kumpannija ta' investment, jew

— tal-valur tal-fond, fil-każ ta' "unità ta' *trust*",

sakemm is-self ikun fuq bażi temporanju;

<sup>(1)</sup> ĠU L 126, tat-12.5.1984, p. 20.

(b) sa 10 % ta' l-assi tagħha, fil-każ ta' kumpannija ta' investiment, sakemm is-self jagħmel possibbli l-akkwist ta' proprjetà immobbli essenzjali għat-twerttjg dirett tan-negożju tagħha; f'dan il-każ is-self u dak imsemmi fis-sub-paragrafu (a) ma jistax, fi kwalunkwe każ, jaqbeż fit-total, il-15 % ta' l-assi ta' min jissellef.

#### L-Artikolu 37

1. UCITS għandha tixtri mill-ġdid jew tagħti lura l-unitajiet tagħha fuq it-talba ta' kull titolari ta' unità.

2. B' deroga mill-paragrafu 1:

(a) UCITS tista', fil-każijiet u skond il-proċeduri previsti fil-liġi, ir-regoli tal-fond jew l-istrumenti ta' l-inkorporazzjoni ta' kumpannija ta' investiment, temporanjament tissospendi ix-xiri mill-ġdid jew il-ħlas lura ta' l-unitajiet tagħha. Is-sospensjoni jista' jkun hemm provvediment għaliha biss f'każijiet eċċezzjonali meta ċ-ċirkostanzi jeħtieġu hekk, u s-sospensjoni hija ġġustifikata fir-rigward ta' l-interessi ta' titolari ta' l-unitajiet;

(b) l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti li jkun jenħteġu s-sospensjoni tax-xiri mill-ġdid jew tal-ħlas lura ta' unitajiet fl-interess ta' titolari ta' unitajiet jew tal-pubbliku.

3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2(a), UCITS għandha mingħajr dewmien tikkomunika id-deċiżjoni tagħha lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri kollha li fihom hi tqiegħed fis-suq l-unitajiet tagħha.

#### L-Artikolu 38

Ir-regoli għall-valutazzjoni ta' assi u r-regoli għal kalkolu tal-bejgħ jew tal-prezz tal-ħruġ u tax-xiri mill-ġdid jew tal-prezz ta' ħlas lura ta' l-unitajiet ta' UCITS għandhom jiġu stabbiliti fil-liġi, fir-regoli tal-fond jew fl-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-kumpannija ta' investiment.

#### L-Artikolu 39

Id-distribuzzjoni jew l-investiment mill-ġdid ta' l-introjtu ta' "unità" ta' trust jew ta' kumpannija ta' investiment għandhom jiġu effettwati skond il-liġi u r-regoli tal-fond jew ta' l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-kumpannija ta' investiment.

#### L-Artikolu 40

Unità ta' UCITS ma tistax tinħareġ sakemm l-ekwivalenti tal-prezz nett ta' ħruġ ma jkun imħallas lill-assi ta' l-UCITS fil-limiti taż-żmien tas-soltu. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tipprekludi id-distribuzzjoni ta' unitajiet ta' bonus.

#### L-Artikolu 41

1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 19 u 21, la:

— kumpannija ta' investiment, lanqas

— kumpannija amministrattiva jew depositarju li jaġixxu fisem "unità ta' trust"

ma jistgħu jagħtu self jew jaġixxu bħala garanzija fisem partijiet terzi.

2. Il-Paragrafu 1 m'għandux jipprevjeni dawn l-impriżi milli jakkwistaw titoli trasferibbli li ma jkunux kompletament imħallas.

#### L-Artikolu 42

La:

— kumpannija ta' investiment, lanqas

— kumpannija ta' amministrazzjoni jew depositarju li jaġixxi fisem "unità ta' trust"

ma jistgħu jwettqu bejgħ skopert ta' titoli trasferibbli.

#### L-Artikolu 43

Il-liġi jew ir-regoli tal-fond għandhom jippreskrivu r-remunerazzjoni u l-infiq li kumpannija ta' amministrazzjoni tkun awtorizzata titlob minn "unità ta' trust" u l-metodu tal-kalkolu ta' din ir-remunerazzjoni.

Il-liġi jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni ta' kumpannija ta' investiment għandhom jippreskrivu n-natura ta' l-ispejjeż li għandhom jintrefgħu mill-kumpannija.

#### IT-TAQSIMA VIII

**Dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għal UCITS li jinneogzjaw l-unitajiet tagħhom fi Stati Membri barra minn dawk li fihom ikunu jinstabu**

#### L-Artikolu 44

1. UCITS li tqiegħed fis-suq l-unitajiet tagħha fi Stat Membru ieħor għandha tikkonforma mal-liġijiet, ir-regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ f'dak l-Istat li ma jidħlux fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

2. Kull UCITS tista' tirreklama l-unitajiet tagħha fl-Istat Membru li fih huma mqiegħda fis-suq. Għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-reklamar f'dak l-Istat.

3. Id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu applikati mingħajr diskriminazzjoni.

## L-Artikolu 45

Fil-każ imsemmi fl-Artikolu 44, l-UCITS għandha, *inter alia*, skond il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ fl-Istat Membru tat-tqegħid fis-suq, tiegħu l-miżuri neċessarji sabiex jiġi assigurat li jkunu disponibbli f'dak l-Istat faċilitajiet biex isiru pagamenti lil titolari ta' unitajiet, għal xiri mill-ġdid jew ħlas lura ta' unitajiet u biex tkun disponibbli l-informazzjoni li l-UCITS jkunu obbligati li jipprovdu.

## L-Artikolu 46

Jekk UCITS tipproponi li tqiegħed fis-suq l-unitajiet tagħha fi Stat Membru barra minn dak li fih hi tkun tinstab, hi għandha l-ewwel tinforma lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru l-ieħor, kif xieraq. Għandha simultanjament tibgħat lil dawn l-awtoritajiet ta' l-aħħar:

- attestazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti għall-effett li hi tisodisfa l-kondizzjonijiet imposti b'din id-Direttiva,
- ir-regoli tagħha tal-fond jew l-istrumenti tagħha ta' inkorporazzjoni,
- il-prospektus tagħha,
- meta approprijat, ir-rapport annwali l-aktar riċenti u kull rapport sussegwenti ta' nofs is-sena u
- dettalji ta' l-arranġamenti magħmula għat-tqegħid fis-suq ta' l-unitajiet tagħha f'dak l-Istat Membru l-ieħor.

UCITS tista' tibda tqiegħed fis-suq l-unitajiet tagħha f'dak l-Istat Membru l-ieħor xahrejn wara din il-komunikazzjoni sakemm l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru kkonċernat ma jstabilixxux, f'deċizzjoni raġunata meħudha qabel ma jiskadi dak il-perijodu ta' xahrejn, li l-arranġamenti magħmula għat-tqegħid fis-suq ta' l-unitajiet ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 44(1) u 45.

## L-Artikolu 47

Jekk UCITS tqiegħed fis-suq l-unitajiet tagħha fi Stat Membru barra minn dak li fih tkun tinstab, hi għandha tqassam f'dak l-Istat Membru l-ieħor, mill-anqas f'waħda mill-lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat Membru l-ieħor, id-dokumenti u l-informazzjoni li għandhom jiġu ppubblikati fl-Istat Membru li fih tkun tinstab, skond l-istess proċeduri bħal dawk previsti f'dak l-Istat ta' l-aħħar.

## L-Artikolu 48

Għall-iskop tat-tweqqig ta' l-attivitajiet tagħha, UCITS tista' tuża l-istess isem ġeneriku (bħal kumpannija ta' investiment jew unita ta' *trust*) fil-Komunita bħal ma tuża fl-Istat Membru li fih tkun tinstab. Fil-każ li jkun hemm xi perikolu ta' konfużjoni, l-Istat Membru li jospita jista', għall-iskopijiet ta' kjarifika, jenħteġ li l-isem ikun akkumpanjat minn ċerti dettalji ta' spjegazzjoni.

## IT-TAQSIMA IX

**Dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-awtoritajiet responsabbli għal awtorizzazzjoni u sorveljanza**

## L-Artikolu 49

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet li għandhom iwettqu d-doveri previsti f'din id-Direttiva. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan, u jindikaw kull diviżjoni ta' doveri.

2. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu awtoritajiet pubbliċi jew korpi maħtura minn awtoritajiet pubbliċi.

3. L-awtoritajiet ta' l-Istat li fih UCITS tkun tinstab għandhom ikunu kompetenti biex jissorveljaw dik l-UCITS. Madanakollu, l-awtoritajiet ta' l-Istat li fih UCITS tinneogzja l-unitajiet tagħha skond l-Artikolu 44 għandhom ikunu kompetenti biex jissorveljaw il-konformita mat-Taqsima VIII.

4. L-awtoritajiet ikkonċernati għandhom jingħataw il-poteri kollha neċessarja biex iwettqu id-dover tagħhom.

## L-Artikolu 50

1. L-awtoritajiet ta' l-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 49 għandhom jikkollaboraw mill-qrib sabiex iwettqu id-dover tagħhom u għandhom għal dak l-iskop biss jikkomunikaw lil xulxin l-informazzjoni kollha meħtieġa.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-persuni kollha impjegati jew li qabel kienu impjegati mill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 49 għandhom ikunu marbuta b'segretezza professjonali. Dan ifisser li kull informazzjoni konfidenzjali riċevuta matul id-doveri tagħhom ma tistax tinkixef lil xi persuna jew awtorita ħlief permezz tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi.

3. Il-Paragrafu 2 m'għandux, madanakollu, jipprekludi komunikazzjonijiet bejn l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri varji msemmija fl-Artikolu 49, kif previst f'din id-Direttiva. Informazzjoni hekk skambjata għandha tkun koperta bl-obbligu ta' segretezza professjonali dwar persuni impjegati jew li qabel kienu impjegati mill-awtoritajiet li jirċievu l-informazzjoni.

4. Mingħajr preġudizzju għal każijiet koperti b'liġi kriminali, awtorita tat-tip imsemmija fl-Artikolu 49 li tirċievi din l-informazzjoni tista' tagħmel użu minnha biss għat-tweqqig tad-doveri tagħha jew fil-kuntest ta' appelli amministrattivi jew proċeduri legali li jirrelataw għal dan it-tweqqig.

## L-Artikolu 51

1. L-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 49 għandhom jagħtu r-raġunijiet għal kull deċizzjoni li jirrifjutaw awtorizzazzjoni u kull deċizzjoni negattiva meħuda fl-implementazzjoni

tal-miżurigenerali adottati fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, u jikkomunikaw hom lill-applikanti.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li deċiżjonijiet meħuda fir-rigward ta' UCITS skond il-liġijiet, ir-regolament u d-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati skond din id-Direttiva huma suġġetti għad-dritt ta' applikazzjoni lill-qrati; l-istess għandu japplika jekk l-ebda deċiżjoni ma tittieħed fi żmien sitt xhur mis-sottomissjoni tagħha dwar applikazzjoni għal awtorizzazzjoni magħmula minn UCITS li tinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ.

#### L-Artikolu 52

1. Biss l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li fih tkun tinstab UCITS għandu jkollhom il-poter li jieħdu azzjoni kontra jekk tikser xi liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva jew xi regolament stabbilit fir-regoli tal-fond jew fl-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-kumpannija ta' investment.

2. Madanakollu, l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li fih l-unitajiet ta' UCITS ikunu mqiegħda fis-suq jistgħu jieħu azzjoni kontra jekk tikser id-dispożizzjonijiet imsemmija fit-Taqsima VIII.

3. Kull deċiżjoni għall-irtirar ta' awtorizzazzjoni, jew xi miżura serja oħra meħuda kontra UCITS, jew kull sospensjoni għal xiri mill-ġdid jew ħlas lura imposta fuqha, għandhom jiġu kkomunikati mingħajr dewmien mill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru ta' fejn tkun tinstab l-UCITS inkwistjoni, lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri l-oħrajn li fihom l-unitajiet tagħhom ikunu mqiegħda fis-suq.

#### IT-TAQSIMA X

##### Il-Kumitat ta' Kuntatt

#### L-Artikolu 53

1. Kumitat ta' Kuntatt, hawnhekk iżjed 'il quddiem magħruf bħala "il-Kumitat", għandu jiġi stabbilit biswit il-Kummissjoni. Il-funzjoni tiegħu għandha tkun:

- li jiffaċilita, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 169 u 170 tat-Trattat, l-implementazzjoni armonizzata ta' din id-Direttiva permezz ta' konsultazzjonijiet regolari dwar xi problemi prattiċi li joriġinaw mill-applikazzjoni tagħha u li dwarha l-iskambju ta' opinjonijiet huwa meqjus bħala utili;
- li jiffaċilita konsultazzjoni bejn Stati Membri jew fuq ħtiġiet aktar rigorużi jew ħtiġiet addizzjonali li huma jistgħu jadottaw skond l-Artikolu 1(7), jew fuq id-dispożizzjonijiet li huma jistgħu jadottaw skond l-Artikoli 44 u 45;
- li jagħti parir lill-Kummissjoni, jekk neċessarju, dwar addizzjonijiet jew emendi li għandhom isiru lil din id-Direttiva.

2. M'għandhiex tkun il-funzjoni tal-Kumitat li jevalwa l-merti tad-deċiżjonijiet meħuda f'każijiet individwali minn awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 49.

3. Il-Kumitat għandu jkun kompost minn persuni maħtura mill-Istati Membri u minn rappreżentanti tal-Kummissjoni. Il-President għandu jkun rappreżentant tal-Kummissjoni. Is-servizzi segretarjali għandhom jiġu pprovduti mill-Kummissjoni.

4. Laqgħat tal-Kumitat għandhom jissejħu mill-president tiegħu, jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq it-talba ta' delegazzjoni ta' Stat Membru. Il-Kumitat għandu jfassal ir-regoli tiegħu ta'proċedura.

#### IT-TAQSIMA XI

##### Dispożizzjonijiet transitorji, derogi u dispożizzjonijiet finali

#### L-Artikolu 54

Biss għall-iskop ta' UCITS Daniżi, *pantebreve* maħruġa fid-Danimarka għandhom jiġu ttrattati bħala ekwivalenti għal titoli trasferibbli imsemmija fl-Artikolu 19(1)(b).

#### L-Artikolu 55

B'deroga mill-Artikoli 7(1) u 14(1), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw dawk l-UCITS li, fid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva, kellhom żewġ depositarji jew aktar skond il-liġi nazzjonali tagħhom biex jżommu dak in-numru ta' depositarji jekk dawk l-awtoritajiet ikollhom garanziji li l-funzjonijiet li għandhom jitwettqu taħt l-Artikoli 7(3) u 14(3) jitwettqu fil-prattika.

#### L-Artikolu 56

1. B'deroga mill-Artikolu 6, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw kumpanniji ta' amministrazzjoni biex joħorġu ċertifikati *bearer* li jirrappreżentaw is-titoli irreġistrati ta' kumpanniji oħrajn.

2. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lil dawk il-kumpanniji ta' amministrazzjoni li, fid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva, iwettqu wkoll attivitajiet barra minn dawk previsti fl-Artikolu 6 biex jitkomplew dawk l-attivitajiet l-oħrajn għal ħames snin wara dik id-data.

#### L-Artikolu 57

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru 1989 il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħtu lil UCITS li jkunu jeżistu fid-data ta' l-implementazzjoni ta' din id-Direttiva, perijodu ta' mhux

altar minn 12-il xahar minn dik id-data sabiex jikkonformaw mal-leġislazzjoni nazzjonali ġdida.

3. Ir-Repubblika Ellenika u r-Repubblika Portugiża għandhom ikunu awtorizzati jipposponu l-implementazzjoni ta' din id-Direttiva sa l-1 ta' April 1992, l-aktar tard.

Sena qabel dik id-data l-Kummissjoni għandha taġġmel rapport lill-Kunsill dwar il-progress fl-implementazzjoni tad-Direttiva u dwar xi diffikultajiet li r-Repubblika Ellenika jew ir-Repubblika Portugiża jistgħu jiltaqgħu magħhom fl-implementazzjoni tad-Direttiva msemmija fl-ewwel sub-paragrafu.

Il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, tipproponi lill Kunsill li jestendi l-posponiment sa erba' snin.

#### *L-Artikolu 58*

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-Kummissjoni tkun infurmata bit-test tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi prinċipali li huma jaddottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

#### *L-Artikolu 59*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 1985.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. KRIEPS

## L-ANNEX

## SKEDA A

1. Informazzjoni li tikkonċerna unità ta' trust	1. Informazzjoni li tikkonċerna l-kumpannija ta' amministrazzjoni	1. Informazzjoni li tikkonċerna l-kumpannija ta' investiment
1.1 Isem	1.1 Isem jew stil, forma fil-liġi, uffiċċju rreġistrat u uffiċċju ewlieni jekk differenti mill-uffiċċju rreġistrat.	1.1 Isem jew stil, forma fil-liġi, uffiċċju rreġistrat u uffiċċju ewlieni jekk differenti mill-uffiċċju rreġistrat.
1.2 Data ta' stabbiliment ta' l-unità ta' trust. Indikazzjoni tat-tul, jekk limitat.	1.2 Data ta' inkorporazzjoni tal-kumpannija. Indikazzjoni tat-tul, jekk limitat.	1.2 Data ta' inkorporazzjoni tal-kumpannija. Indikazzjoni tat-tul, jekk limitat.
	1.3 Jekk il-kumpannija tamministra unitajiet ta' trust oħrajn, indikazzjoni ta' dawk l-unitajiet ta' trust.	
1.4 Dikjarazzjoni tal-post fejn ir-regoli tal-fond, jekk ma jkunux annessi, u r-rapporti perijodiċi, jistgħu jiġu akkwistati..		1.4 Dikjarazzjoni tal-post fejn l-istrumenti ta' inkorporazzjoni, jekk mhumiex annessi, u rapporti perijodiċi, jistgħu jiġu akkwistati.
1.5 Indikazzjonijiet qosra rilevanti għal titolari ta' unitajiet tas-sistema tat-taxxa applikabbli għall-unitajiet ta' trust. Dettalji ta' jekk it-tnaqqis ikunx sar mill-fonti mill-introjtu u l-qligħ kapitali mħallas mit-trust lil titolari ta' trust.		1.5 Indikazzjonijiet qosra rilevanti għal titolari ta' unitajiet tas-sistema tat-taxxa applikabbli għall-kumpannija. Dettalji ta' jekk it-tnaqqis ikunx sar mill-fonti mill-introjtu u l-qligħ kapitali imħallas mill-kumpannija lil titolari ta' unitajiet
1.6. Dati ta' kontabilità u distribuzzjoni		1.6. Dati ta' kontabilità u distribuzzjoni
1.7 Ismijiet tal-persuni responsabbli biex jivverifikaw l-informazzjoni tal-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 31.		1.7 Ismijiet tal-persuni responsabbli biex jivverifikaw l-informazzjoni tal-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 31.
	1.8 Ismijiet u pożizzjonijiet fil-kumpannija tal-membri tal-korpi amministrattivi, ta' tmexxija u ta' sorveljanza. Dettalji ta' l-attivitajiet ewlenija tagħhom barra l-kumpannija meta dawn ikunu ta' sinifikanza fir-rigward ta' dik il-kumpannija.	1.8 Ismijiet u pożizzjonijiet fil-kumpannija tal-membri tal-korpi amministrattivi, ta' tmexxija u ta' sorveljanza. Dettalji ta' l-attivitajiet ewlenija tagħhom barra l-kumpannija meta dawn ikunu ta' sinifikanza fir-rigward ta' dik il-kumpannija.
	1.9 L-ammont tal-kapital sottoskritt b'indikazzjoni tal-kapital imħallas.	1.9 Kapital

1. Informazzjoni li tikkonċerna unità ta' trust	1. Informazzjoni li tikkonċerna l-kumpannija ta' amministrazzjoni	1. Informazzjoni li tikkonċerna l-kumpannija ta' investiment
<p>1.10 Dettalji tat-tipi u l-karatteristiċi ewlenija ta' l-unitajiet u b'mod partikolari:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— in-natura tad-dritt (reali, personali jew ieħor) irrappreżentat mill-unità,</li> <li>— is-titoli jew ċertifikati oriġinali li jipprovdu prova ta' titolu, dħul f'reġistru jew f'kont.</li> <li>— karatteristiċi ta' l-unitajiet: ireġistrati jew <i>bearer</i>. Indikazzjoni ta' xi denominazzjonijiet li jista' jkun hemm dispożizzjoni għalihom,</li> <li>— indikazzjoni tad-drittijiet tal-vot jekk dawn jeżistu ta' titolari ta' l-unitajiet,</li> <li>— ċirkostanzi li fihom l-għeluq ta' unità ta' trust jista' jiġi deċiż u dwar il-proċedura ta' l-għeluq, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet ta' titolari ta' unitajiet.</li> </ul>		<p>1.10 Dettalji tat-tipi u karatteristiċi ewlenija ta' l-unitajiet u b'mod partikolari:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— it-titoli jew ċertifikati oriġinali li jipprovdu prova ta' titolu, dħul f'reġistru jew f'kont.</li> <li>— karatteristiċi ta' l-unitajiet; ireġistrati jew <i>bearer</i>. Indikazzjoni ta' xi denominazzjonijiet li jista' jkun hemm dispożizzjoni għalihom,</li> <li>— indikazzjoni tad-drittijiet tal-vot tat-titolari ta' l-unitajiet,</li> <li>— ċirkostanzi li fihom l-għeluq tal-kumpannija jista' jiġi deċiż u dwar il-proċedura ta' l-għeluq, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet ta' titolari ta' l-unitajiet.</li> </ul>
<p>1.11 Meta applikabbli, indikazzjoni ta' boroż jew swieq fejn l-unitajiet ikunu mniżżla jew ittrattati.</p>		<p>1.11 Meta applikabbli, indikazzjoni ta' boroż jew swieq fejn l-unitajiet ikunu mniżżla jew ittrattati.</p>
<p>1.12 Proċeduri u kundizzjonijiet tal-ħruġ u l-bejgħ ta' unitajiet</p>		<p>1.12 Proċeduri u kundizzjonijiet tal-ħruġ u bejgħ ta' unitajiet</p>
<p>1.13 Proċeduri u kundizzjonijiet għal xiri mill-ġdid jew hłas lura ta' unitajiet, u ċ-ċirkostanzi li fihom ix-xiri mill-ġdid jew il-hłas lura jistgħu jiġu sospiżi.</p>		<p>1.13 Proċeduri u kundizzjonijiet għal xiri mill-ġdid jew hłas lura ta' unitajiet, u ċ-ċirkostanzi li fihom ix-xiri mill-ġdid jew il-hłas lura jistgħu jiġu sospiżi.</p>
<p>1.14 Deskrizzjoni ta' regoli għad-determinazzjoni u l-applikazzjoni ta' l-introjt.</p>		<p>1.14 Deskrizzjoni tar-regoli għad-determinazzjoni u l-applikazzjoni ta' l-introjt.</p>
<p>1.15 Deskrizzjoni ta' l-oġġettivi ta' l-investiment ta' unità ta' trust, inklużi l-oġġettivi finanzjarji (e.ż. kobor tal-kapital jew introjt), politika ta' investiment (e.ż. speċjalizzazzjoni f'setturi ġeografiċi jew industrijali), xi limitazzjonijiet fuq dik il-politika ta' investiment u indikazzjoni ta' xi tekniċi u strumenti jew poteri ta' self li jistgħu jintużaw fl-amministrazzjoni ta' l-unità ta' trusts.</p>		<p>1.15 Deskrizzjoni ta' l-oġġettivi ta' l-investiment ta' unità ta' trust, inklużi l-oġġettivi finanzjarji (e.ż. kobor tal-kapital jew introjt), politika ta' investiment (e.ż. speċjalizzazzjoni f'setturi ġeografiċi jew industrijali), xi limitazzjonijiet fuq dik il-politika ta' investiment u indikazzjoni ta' xi tekniċi u strumenti jew poteri ta' self li jistgħu jintużaw fl-amministrazzjoni ta' l-unità tal-kumpannija.</p>
<p>1.16 Regoli għall-valutazzjoni ta' assi.</p>		<p>1.16 Regoli għall-valutazzjoni ta' assi.</p>

1. Informazzjoni li tikkonċerna unità ta' trust	1. Informazzjoni li tikkonċerna l-kumpannija ta' amministrazzjoni	1. Informazzjoni li tikkonċerna l-kumpannija ta' investiment
<p>1.17 Determinazzjoni tal-prezz tal-bejgħ jew tal-ħruġ u l-prezz tax-xiri mill-ġdid jew tal-ħlas lura unitajiet, b'mod partikolari:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— il-metodu u l-frekwenza tal-kalkolu ta' dawk il-prezzijiet,</li> <li>— informazzjoni li tikkonċerna l-piżijiet li jirrigwardaw il-bejgħ jew il-ħruġ u x-xiri mill-ġdid jew il-ħlas lura ta' unitajiet.</li> <li>— Il-mezzi, il-postijiet u l-frekwenza tal-pubblikazzjoni ta' dawk il-prezzijiet.</li> </ul>		<p>1.17 Determinazzjoni tal-prezz tal-bejgħ jew tal-ħruġ u l-prezz tax-xiri mill-ġdid jew tal-ħlas lura unitajiet, b'mod partikolari:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— il-metodu u l-frekwenza tal-kalkolu ta' dawk il-prezzijiet,</li> <li>— informazzjoni li tikkonċerna l-piżijiet li jirrigwardaw il-bejgħ jew il-ħruġ u x-xiri mill-ġdid jew il-ħlas lura ta' unitajiet.</li> <li>— Il-mezzi, il-postijiet u l-frekwenza tal-pubblikazzjoni ta' dawk il-prezzijiet. <sup>(1)</sup></li> </ul>
<p>1.18 Informazzjoni li tikkonċerna l-mod, l-ammont u l-kalkolu ta' remunerazzjoni pagabbli mill-unità ta' trust lill-kumpannija ta' amministrazzjoni, id-depositarju jew il-partijiet terzi, u r-rimbors ta' l-ispejjeż mill-unità ta' trust lill-kumpannija ta' amministrazzjoni, lid-depositarju jew lill-partijiet terzi</p>		<p>1.18 Informazzjoni li tikkonċerna l-mod, l-ammont u l-kalkolu ta' remunerazzjoni pagabbli mill-kumpannija lid-diretturi tagħha, u lill-membri tal-korpi amministrattivi, ta' tmexxija u ta' sorveljanza, lid-depositarju jew lill-partijiet terzi, u r-rimbors ta' l-ispejjeż mill-kumpannija lid-diretturi tagħha, lid-depositarju jew lill-partijiet terzi.</p>

<sup>(1)</sup> Kumpanniji ta' investiment fis-sens ta' l-Artikolu 14(5) tad-Direttiva għandhom ukoll jindikaw:

- il-metodu u l-frekwenza tal-kalkolu tal-valur nett ta' l-assi ta' l-unitajiet
- il-mezzi, il-post u l-frekwenza tal-pubblikazzjoni ta' dak il-valur,
- il-borża fil-pajjiż tal-marketing li l-prezz li fuqu jiddetermina il-prezz ta' l-operazzjonijiet effettwati barra l-boroż f'dak il-pajjiż.

## 2. Informazzjoni li tirrigwarda d-depositarju:

- 2.1 L-isem u l-istil, il-forma fil-liġi, l-uffiċċju rreġistrat u l-uffiċċju ewlieni jekk differenti mill-uffiċċju rreġistrat;
- 2.2 L-attività ewlenija

## 3. Informazzjoni li tikkonċerna d-ditti konsultattivi jew konsulenti esterni ta' investimenti li jagħtu parir skond il-kuntratt li jkun imħallas mill-assi ta' l-UCITS:

- 3.1 L-isem u l-istil tad-ditta jew isem tal-konsulent.
- 3.2 Dispożizzjonijiet materjali tal-kuntratt mal-kumpannija amministrattiva jew mal-kumpannija ta' investiment li jistgħu jkunu rilevanti għat-titolari ta' l-unitajiet, esklużi dawk li jirrelataw għar-remunerazzjoni;
- 3.3 Attivitàjiet oħrajn sinifikanti.

## 4. Informazzjoni li tikkonċerna l-arranġamenti biex isiru pagamenti lil titolari ta' l-unitajiet, xiri mill-ġdid, jew ħlas lura ta' unitajiet u biex issir disponibbli l-informazzjoni li tikkonċerna l-UCITS. Din l-informazzjoni għandha, fi kwalunkwe każ, tingħata lil Stat Membru li fih l-UCITS ikunu jinstituti. F'addizzjoni, meta l-unitajiet ikunu mqiegħda fis-suq fi Stat Membru ieħor, din l-informazzjoni għandha tingħata fir-rigward ta' dak l-Istat Membru, fil-prospettus ipubblikat hemm.

## SKEDA B

**Informazzjoni li għandha tkun inkluża fir-rapporti perijodiċi**

- I. *Dikjarazzjoni ta' assi u responsabbiltajiet*
- titoli trasferibbli,
  - l-istrumenti ta' dejn tat-tip imsemmi fl-Artikolu 19(2)(b);
  - bilanċi fil-bank,
  - assi oħrajn,
  - assi totali,
  - responsabbiltajiet,
  - valur nett ta' l-assi.
- II. *In-numru ta' unitajiet fiċ-ċirkolazzjoni*
- III. *Il-Valur nett ta' l-assi għal kull unità*
- IV. *Il-portfolio, b'distinzzjoni bejn:*
- (a) titoli trasferibbli ammessi fl-elenkar uffiċjali tal-borża;
  - (b) titoli trasferibbli tratti f'suq irregolat ieħor;
  - (ċ) titoli trasferibbli maħruġa riċentament tat-tip imsemmi fl-Artikolu 19(1)(d);
  - (d) titoli trasferibbli oħrajn tat-tip imsemmi fl-Artikolu 19(2)(a);
  - (e) strumenti ta' dejn trattati bħala ekwivalenti skond l-Artikolu 19(2)(b);
- u analizzati skond l-aktar kriterja approprijati fid-dawl tal-politika ta' investiment ta' l-UCITS (e.ż. skond il-kriterji ekonomiċi, ġeografiċi jew tal-munita) bħala perċentwali ta' l-assi netti; għal kull wieħed mill-investiment t'hawn fuq il-proporzjon li jirrappreżenta tat-total ta' l-assi ta' l-UCITS għandu jkun iddikjarat.
- Dikjarazzjoni ta' bidliet fil-kompożizzjoni tal-portfolio matul il-perijodu ta' referenza.
- V. *Dikjarazzjoni ta' l-iżviluppi li jikkonċernaw l-assi ta' l-UCITS matul il-perijodu ta' referenza inklużi li ġejjin:*
- introjru minn investimenti,
  - introjtu ieħor,
  - piżijiet amministrattivi,
  - piżijiet tad-depositarju,
  - piżijiet u taxxi oħrajn,
  - introjtu nett,
  - distribuzzjoni u introjtu rinvestit,
  - bidliet fil-kont kapitali,
  - apprezzament u dipprezzament ta' l-investimenti,
  - kull bidla oħra li taffetwaw l-assi u r-responsabbiltajiet ta' l-UCITS.
- VI. *Tabella kumparattiva li tkopri l-aħħar tlett snin finanzjarji u tinkludi, għal kull sena finanzjarja, fit-tmien tas-sena finanzjarja:*
- il-valur total nett ta' l-assi,
  - il-valur nett ta' l-assi għal kull unità.
- VII. *Detalji, skond il-kategorija ta' operazzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 21 imwettqa mill-UCITS matul il-perijodu ta' referenza, ta' l-ammont riżultanti ta' l-impenni.*